# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 684/2017 JA**

**Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali maħruġa għall-finijiet tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta numru 46/2017**

**u**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1021/17**

**u**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid numru 1023/17**
**fl-ismijiet:**

**Louis Bonnici**

**v.**

**Maria Magdala Sultana**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimata eżekutata Maria Magdala Sultana minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2018 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), fl-atti fl-ismijiet premessi, li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet tagħha għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni tal-Ittra Uffiċjali fuq imsemmija maħruġa fl-24 ta' Mejju, 2017 (li saret eżekuttiva fil-5 ta' Lulju, 2017) u kif ukoll għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni taż-żewġ Mandati eżekuttivi ta' qbid u ta' sekwestru maħruġin kontriha fit-12 ta' Lulju, 2017;

2. Fl-att li bih fetħet il-kawża, ir-rikorrenti eżekutata qalet li l-intimat eżekutant talabha tħallas is-somma ta' dsatax-il elf ewro (€19,000) permezz ta' ittra uffiċjali (minn issa 'l hemm imsejha "l-Ittra") numru 46/2017 maħruġa skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tgħid li dik l-ittra saret eżekuttiva u l-eżekutant ħareġ kontriha żewġ Mandati (Mandat ta' Sekwestru numru 1021/2017[1] u Mandat ta' Qbid numru 1023/2017[2]) fuq is-saħħa ta' dik l-Ittra. Għal numru ta' raġunijiet, ir-rikorrenti ikkontestat l-imsemmija Ittra u Mandati, talbet it-tħassir tagħhom u kif ukoll it-twaqqif tal-eżekuzzjoni tagħhom. Hija talbet lill-ewwel Qorti ssib li l-Ittra ma tiswiex u li daqstant ieħor huwa bla siwi t-titolu eżekuttiv miksub permezz tagħha u ż-żewġ atti eżekuttivi (il-Mandati) li nħarġu fuq is-saħħa tagħha;

[1] Dok "B", f'paġġ. 13 – 20 tal-proċess
[2] Dok "Ċ", f'paġġ. 21 sa 30 tal-proċess

3. Fit-Tweġiba tiegħu, l-intimat eżekutant laqa' kemm b'eċċezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-mertu. Proċeduralment, qal li qabel kull ħaġ'oħra, il-Qorti trid tistħarreġ jekk, minħabba l-kundizzjoni medika li r-rikorrenti qalet li għandha, tistax tmexxi b'din l-azzjoni. Qanqal l-eċċezzjoni tal-irritwalità tal-azzjoni mressqa mill-eżekutata billi, filwaqt li r-rikorrenti tittanta ġudizzju taħt l-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-istess nifs qiegħda titlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Mandati relattivi. Qal li l-azzjoni hija magħmula minn żewġ azzjonijiet flimkien, waħda taħt l-Artikolu 166A(5) u l-oħra taħt l-Artikolu 281 tal-imsemmi Kodiċi, li ma joqogħdux flimkien. Illi safejn l-azzjoni hija mibnija fuq l-Artikolu 281, jonqsu l-elementi meħtieġa biex azzjoni bħal dik tirnexxi, kif ukoll li l-azzjoni tressqet qabel waqtha billi l-proċedura bħal dik tista' titressaq biss wara li tkun saret l-eżekuzzjoni tal-atti eżekuttivi li hu maħsub li tattakka. Fl-aħħarnett, qal li l-Mandati ma jistgħux jiġu sospiżi. Fil-mertu, laqa' billi qal li n-notifika tal-atti kollha kienet tajba u kif titlob il-liġi u li jikkonkorru fl-Ittra l-elementi kollha meħtieġa biex tkun tgħodd;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*Ikkunsidrat:*

*"Din hija azzjoni bbażata fuq l-artikolu 281 tal-Kap. 12.*

*"Illi dan l-imsemmi Artikolu tal-Liġi kif ġja' ssemma jipprovdi testwalment illi:*

> *"(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-Qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*

*"Illi l-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati fir-rigward issa hija ċara u kostanti. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 2005 fil-kawza* ***"Pace vs Sultana"*** *intqal li:*

> *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas sub-artikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;*
>
> *"Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn <u>Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma</u>. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ tal-Kontro-Mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;"*

*"Illi għandu jiġi enfasizzat għalhekk, illi fi proċeduri bħal dawk odjerni, il-Qorti hija prekluża milli tqis il-mertu tal-kreditu eżistenti bejn il-partijiet (ara s-sentenzi miġbura fis-sentenza* ***"Zammit noe vs Ellis noe"*** *tal-15 ta' Diċembru 2015). Kif elaborat il-Qorti fil-fuq ċitata sentenza* ***"Pace vs Sultana"****: "ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ." Is-setgħa tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata għall-eżami pjuttost formali tal-mandat de quo b'dana illi l-istess Qorti hija prekluża milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Art 274 tal-Kap. 12.*

*"Illi fis-sentenza fl-ismijiet* ***"HSBC Bank Malta p.l.c. (C- 3177) vs Doris Conchin"*** *deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Lulju 2011 u kkonfermata fl-appell intqal hekk: "l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew*

> *nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiehu, il-parti eżekutata tbagħti preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-saħħa tiegħu l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ."*
>
> *"Illi meta xehdet ir-rikorrenti qalet li hija ma rrispondietx għall-ittra uffiċjali għaliex kienet marida u qalet li ssofri minn ċertu mard li l-Qorti mhux se ssemmi fis-sentenza biex tipproteġi l-privatezza tar-rikorrenti. Madankollu indubbjament ma ppruvatx la li kien hemm xi difett fil-forma tal-mandat u lanqas li kien hemm xi żball li ppreġudikaha. Għalhekk it-talba tagħha ma tistax tintlaqa'."*";

5. Ir-rikorrenti eżekutata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq minnha fil-5 ta' Marzu, 2018, talbet li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u, minflok, tiddeċiedi billi twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-Ittra u kif ukoll tal-Mandati maħruġin bis-saħħa tagħha, twaqqaf il-ħruġ ta' atti eżekuttivi oħra maħruġa fuq l-imsemmija Ittra, tiddikjara ma tiswiex l-imsemmija ittra u tirrexxindi t-titolu eżekuttiv miksub bis-saħħa tagħha u tal-imsemmija Mandati;

6. B'Risposta tal-4 ta' Diċembru, 2020, l-intimat eżekutant (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellat") laqa' għall-imsemmi appell billi qal li s-sentenza appellata kienet tajba u jmissha tkun konfermata u l-appell minnha miċħud. Fil-qosor, huwa jgħid li l-appellanti lanqas tagħraf taħt liema dispożizzjoni tal-liġi ressqet il-każ tagħha u li l-appell tagħha jixhed dan it-taħwid billi l-azzjoni attriċi tressqet kemm fl-atti tal-Ittra u kif ukoll fl-atti tal-Mandati. Li kieku tabilhaqq l-azzjoni attriċi kienet skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap 12, l-azzjoni kienet titmexxa

kif jitlob dak l-artikolu. Itenni li, ladarba l-appellanti qiegħda titlob it-tħassir kemm tal-Ittra u kif ukoll tal-Mandati, l-ewwel Qorti għamlet sew li qieset l-azzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 281 tal-istess Kodiċi. Jgħid ukoll li l-ewwel Qorti dan għamlitu flok ma qieset lilha nnifisha mhux kompetenti billi azzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 166A(5) kellha tinġieb quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew Għawdex. Itenni li l-ewwel Qorti mxiet fis-sewwa u ma kellhiex għalfejn tidħol fil-mertu tas-siwi tal-Ittra;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati tal-partijiet;

9. Rat id-degriet tat-12 ta' Jannar, 2021, li bih ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi din hija azzjoni maħsuba biex tħassar ittra uffiċjali li nħarġet taħt l-Artikolu 166A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (il-Kodiċi) li kienet saret eżekuttiva, kif ukoll sabiex tħassar l-eżekuzzjoni ta' atti eżekuttivi maħruġa taħt is-saħħa tagħha. L-appellanti tgħid li l-Ittra ma tiswiex għaliex ma fihiex ir-raġunijiet li fuqha ġiet imsejsa t-talba, ir-

raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa' jew dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba. Tgħid wkoll li fl-Ittra ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti meħtieġa mill-Artikolu 166A tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif ukoll li l-Ittra ma ġietx notifikata kif imiss. Minħabba f'hekk, tgħid li l-Mandati li nħarġu bis-saħħa tal-Ittra ma jiswewx u lanqas jistgħu jinħarġu atti eżekuttivi oħrajn bis-saħħa tagħha;

11. Illi, kif ingħad, l-appellat laqa' b'numru ta' eċċezzjonijiet, kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. L-ewwel Qorti qieset li l-azzjoni kienet waħda mressqa taħt l-Artikolu 281 tal-Kodiċi, u ċaħdet it-talbiet tal-eżekutata sewwasew fuq dik il-premessa;

12. Illi l-appellanti qajmet **ħames aggravji** mis-sentenza appellata. L-ewwel wieħed hu li l-Ewwel Qorti warrbet għal kollox dak li jgħid l-Artikolu 166A(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u illimitat il-ġudizzju tagħha fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 281 tal-istess Kodiċi. Dan wassal biex l-ewwel Qorti naqset li tistħarreġ is-siwi tal-Ittra. Fit-tieni aggravju, tilminta li l-ewwel Qorti fissret ħażin l-Artikolu 281 tal-Kodiċi meta naqset li tqis jekk kienx hemm 'raġuni valida fil-liġi' li twassal għat-tħassir tal-atti eżekuttivi. It-tielet aggravju jqis li l-ewwel Qorti naqset li tagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti miġjuba quddiemha. Ir-raba' aggravju huwa fis-sens li s-sentenza appellata hija nieqsa mill-motivazzjoni meħtieġa mil-liġi; filwaqt li bil-

ħames aggravju, l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti naqset li tqis it-talbiet marbuta mat-twaqqif tal-eżekuzzjoni tal-Ittra;

13. Illi jibda biex jingħad li din il-Qorti tara li l-mod kif l-appellanti għażlet li tmexxi l-każ jixhed nuqqas ta' tħaddim xieraq tal-għodda proċedurali li setgħet jew messha nqdiet bihom. Dan wassal biex, kemm quddiem l-ewwel Qorti u kif ukoll f'din l-istanza, l-appellat iqajjem argumenti rilevanti f'dan ir-rigward. Ma hemmx dubju li l-għan tal-appellanti kien li xxejjen l-effetti tal-Ittra billi tattakka s-siwi tagħha, kemm fl-aspett sostantiv tagħha u kif ukoll fl-aspetti formali. B'hekk, kienet tolqot ukoll l-effetti tal-atti eżekuttivi maħruġa bis-saħħa ta' dik l-Ittra, liema atti jolqtuha aktar fil-laħam il-ħaj milli laqtitha l-Ittra. Minbarra dan, il-Qorti tirrileva li l-Ittra kienet kisbet saħħa eżekuttiva u l-appellanti fetħet din il-proċedura b'rikors (maħsub għal proċedimenti partikolari) u mhux b'rikors maħluf (li huwa s-sura ordinarja tal-proċedura kontenzjuża) u tressqet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

14. Illi b'din il-premessa, il-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**ewwel aggravju**, li bih l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti skartat għal kollox it-talba tagħha mressqa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 166A(5) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li bis-saħħa tiegħu persuna intimata f'ittra uffiċjali mressqa taħt dak l-artikolu tista' titlob it-tħassir tagħha. L-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti, minflok, straħet fuq il-parti tat-talba

marbuta mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 281 tal-Kodiċi dwar it-tħassir tal-atti eżekuttivi;

15. Illi l-appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li l-appellanti baqgħet tisħaq b'mod żbaljat fuq l-għamla ta' azzjoni mressqa minnha u li hija taħlita ta' aktar minn azzjoni waħda. Jgħid li ma tistax tibqa' tilmenta li l-ewwel Qorti qieset l-azzjoni tagħha bħala waħda li tattakka l-atti eżekuttivi meta dik il-Qorti sarulha talbiet sewwasew għat-tħassir tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-azzjoni tal-appellanti ma setgħet qatt twassal għat-tħassir tal-Ittra għaliex il-liġi tagħti rimedju proċedurali partikolari u l-appellanti ma nqdietx bih;

16. Illi mill-atti joħroġ biċ-ċar li l-azzjoni mressqa mill-appellanti tolqot kemm is-siwi tal-Ittra u kif ukoll tal-atti eżekuttivi maħruġin bis-saħħa tagħha u l-eżegwibilità tagħhom. Issa, filwaqt li l-Ittra sallum tikkostitwixxi **titolu** eżekuttiv[3], il-Mandati attakkati huma **atti** eżekuttivi maħruġa taħt is-saħħa ta' dak it-titolu. Ma hemmx dubju li l-ewwel Qorti għarfet dan u s-sentenza appellata tixhed dan ukoll. In-nuqqas ilmentat mill-appellanti ġej mill-fatt li l-liġi tagħti rimedju proċedurali partikolari għal min irid jattakka s-siwi tat-**titolu** eżekuttiv miksub b'ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Artikolu 166A tal-Kodiċi u rimedju ieħor proċedurali lil min irid jattakka s-siwi ta' **atti** eżekuttivi maħruġa bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv bħal dak. L-

[3] Artt. 166A(4) u 253(ċ) tal-Kap 12

appellanti dehrilha li setgħet tiġbor flimkien iż-żewġ suriet ta' proċedura u titfagħhom f'qoffa waħda biex iġġib riżultat wieħed. Fil-fehma tal-Qorti, din l-għażla tagħmel l-aggravju tagħha wieħed mhux mistħoqq;

17. Illi l-liġi tistabilixxi li persuna li kontra tagħha tkun inħarġet ittra uffiċjali taħt l-Artikolu 166A tal-Kodiċi tista' tattakka s-siwi tagħha (jekk kemm-il darba ma tkunx laqgħet għaliha mod ieħor fiż-żmien ta' tletin jum min-notifika), billi tmexxi azzjoni għat-tħassir ta' ittra bħal dik għal xi waħda miż-żewġ raġunijiet imsemmija, fi żmien għoxrin jum minn dakinhar li tkun laqgħet in-notifika ta' xi att eżekuttiv maħruġ bis-saħħa tagħha u billi tressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[4]. Din hija proċedura partikolari, ċara u speċifika, u l-liġi tagħmilha ċara wkoll li l-ebda oppożizzjoni f'sura oħra ma twaqqaf il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta' xi att eżekuttiv maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv miksub b'ittra bħal dik[5];

18. Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-ewwel Qorti setgħet tqis biss dik il-parti tal-azzjoni tal-appellanti li kienet taqa' fis-setgħat tagħha. Dik il-Qorti ma setgħetx tqis dik il-parti tal-azzjoni li l-liġi tgħid li messha tressqet quddiem qorti oħra. Li kieku l-ewwel Qorti daħlet fil-kwestjoni tas-siwi tal-Ittra u wisq aktar tan-notifika tagħha, kienet tkun qiegħda tiddeċiedi fuq ħaġa li l-liġi ma tagħtihiex is-setgħa li tiddeċiedi dwarha.

[4] Art. 166A(5) tal-Kap 12
[5] Art. 166A(6) tal-Kap 12

Dan kien iwassal ukoll għall-għoti ta' sentenza li ma tiswiex[6]. Ladarba l-appellanti ma kinitx inqdiet bil-proċedura maħsuba fl-Artikolu 166A(5) tal-Kodiċi u ġabet deċiżjoni mill-qorti kompetenti dwarha, l-ewwel Qorti ma għamlet xejn ħażin li ma qisitx is-siwi tal-Ittra, imma qieset biss l-ilmenti dwar is-siwi u l-eżegwibilita` tal-Mandati;

19. Illi għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel aggravju ma huwiex tajjeb u mhux se jintlaqa';

20. Illi fit-**tieni aggravju** tagħha l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti naqset li tħaddem sewwa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ma ratx li kien hemm tassew "raġuni valida skond il-liġi" biex tħassar il-Mandati;

21. Illi l-appellat iwarrab ukoll dan l-aggravju billi jgħid li dak li qal dwar l-ewwel aggravju jgħodd aktar u aktar għat-tieni wieħed;

22. Illi l-Qorti tqis li ħafna minn dak li jista' jingħad dwar dan l-aggravju ingħad fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju ta' qablu. Hawnhekk ukoll l-appellanti tisħaq li l-ewwel Qorti kien imissha rat li kien hemm raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandati ladarba l-Ittra ma kinitx tiswa. Il-Qorti ttenni li l-ewwel Qorti ma setgħetx tidħol fil-kwestjoni tas-

[6] Ara artt. 789(1)(b) u 790 tal-Kap 12

siwi tal-Ittra u dan jidher li kien il-ħsieb tagħha meta fissret il-ġudizzju tagħha fis-sentenza appellata. Safejn jirrigwarda l-azzjoni dwar is-siwi tal-atti eżekuttivi maħruġin bis-saħħa tal-Ittra, l-eżami tal-ewwel Qorti dwar x'setgħet kienet ir-"raġuni valida skond il-liġi" biex tordna t-tħassir tagħhom għal kollox jew f'biċċa minnu riedet toħroġ mill-Mandati nfushom u mhux mis-siwi tat-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħarġu. Ir-raġunijiet li ġabet 'il quddiem l-appellanti quddiem l-ewwel Qorti – in-nuqqasijiet fil-formalitajiet mitluba mil-liġi dwar l-Ittra, ir-raġuni għaliex naqset li tikkontestaha u s-siwi tan-notifika tal-istess – kienu kollha kemm huma marbutin mas-siwi tal-Ittra u bl-ebda mod ma jirrigwardaw is-siwi tal-Mandati. Mela, l-ewwel Qorti ma ngħatatilha l-ebda raġuni tajba għat-tħassir tal-Mandati eżekuttivi u għalhekk ma naqset bl-ebda mod li tqis jekk kienx hemm raġuni tajba biex twaqqa' jew twaqqaf l-imsemmija Mandati;

23. Illi, għalhekk, lanqas dan it-tieni aggravju mhu se jintlaqa';

24. Illi t-**tielet aggravju** jitkellem dwar in-nuqqas min-naħa tal-ewwel Qorti li tgħarbel sewwa l-fatti mressqa mill-appellanti. Hija tgħid li s-sentenza appellata tixhed li dik il-Qorti illimitat l-istħarriġ tagħha fuq aspetti u ħalliet oħrajn ta' siwi barra għal kollox jew ma semmithomx;

25. Illi l-appellat ma jżid xejn dwar dan l-aggravju aktar minn dak li qal fuq l-oħrajn ta' qablu;

26. Illi l-Qorti ma tarax li hemm għalfejn toqgħod tgħid x'inhuma r-regoli mħaddma minnha dwar l-apprezzament tal-provi li jkun sar minn qorti tal-ewwel istanza. Dawn huma magħrufa biżżejjed u lanqas l-appellanti ma jidher li tikkontestahom. F'dan il-każ, madankollu, huwa tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh il-fatt li l-ewwel Qorti riedet tqis il-fatti rilevanti biex tasal għall-ġudizzju tagħha. Mhux kulma xehdet l-appellanti (u x-xhieda li ressqet) kien rilevanti għall-eżerċizzju li kellha tagħmel l-ewwel Qorti, ukoll jekk għall-istess appellanti setgħet kienet raġuni serja biżżejjed biex tfisser l-imġiba tagħha f'din il-ġrajja kollha. Hawnhekk ukoll, safejn ix-xhieda tagħha kienet marbuta mas-siwi tal-Ittra, l-ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tikkunsidraha u wisq anqas issemmiha fis-sentenza li tat. Min-naħa l-oħra, l-ewwel Qorti wriet x'kienu r-raġunijiet li wassluha biex tiċħad it-talbiet tal-appellanti u dan jixhed li dik il-Qorti qieset il-fatti li kellha tqis;

27. Illi għalhekk, dan l-aggravju wkoll mhux se jintlaqa';

28. Illi bir-**raba' aggravju** l-appellanti tilminta li s-sentenza appellata hija nieqsa minn motivazzjoni xierqa tar-raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha. Iżżid tgħid li s-sentenza appellata

m'hijiex konformi ma' dak li l-liġi titlob li sentenza jmissu jkollha u li saħansitra tikser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-jedd tal-partijiet għal smigħ xieraq;

29. Illi l-appellat iwarrab b'qawwa dan l-aggravju wkoll. Huwa jgħid li l-appellanti ssejjes dan l-aggravju fuq nuqqas li ġej minnha stess u jisħaq li għadha tinsisti li għamlet sewwa li mexxiet 'il quddiem azzjoni li kienet taħlita ta' żewġ azzjonijiet f'waħda;

30. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju, fis-sewwa, jimmira għall-eżami tas-siwi nnifsu tas-sentenza appellata, minħabba li l-liġi titlob[7] li kull sentenza għandha ġġib ir-raġunijiet li jwasslu lil xi qorti biex tagħti d-deċiżjoni li tkun tat. Ma hemmx dubju li din il-ħtieġa tħares wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ħaqq naturali li jitlob li kull sentenza jew deċiżjoni tkun motivata u turi għaliex tkun ingħatat deċiżjoni u mhux oħra, b'mod partikolari f'kawża fejn il-partijiet ikunu ħadu pożizzjonijiet li ma jaqblux;

31. Illi l-liġi tagħmilha ċara li biex tista' tintlaqa' s-sejħa ta' nullita` ta' sentenza jeħtieġ li min jallega dan juri li sentenza bħal dik kienet imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq in-nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq l-illeġittimità tal-persuna jew li s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti tkun iddeċidiet fuq ħwejjeġ li ma ntalbux ('*extra petita*') jew dwar aktar minn

---

[7] Art 218 tal-Kap 12

dak li ntalab (‘*ultra petita*’) jew li tkun milquta minn kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta’ smigħ xieraq[8]. Minkejja dan, u b’ħarsien tal-prinċipju li safejn jista’ jkun sentenza m’għandhiex titħassar b’mod leġġer u b’ħeffa jekk kemm-il darba tista’ tkun salvata[9], l-eċċezzjoni tan-nullita` tas-sentenza ma tintlaqax jekk jintwera li ma tirriżultax xi waħda miċ-ċirkostanzi li ssemmew qabel u jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha;

32. Fost l-elementi li s-sentenzi għandu jkollhom għas-siwi tagħhom, il-liġi ssemmi li l-parti operattiva ta’ sentenza għandha tinkludi t-talbiet jew l-eċċezzjonijiet li jkunu maqtugħa u kull dikjarazzjoni maħsuba biex tkun konklussiva jew li torbot[10]. Minbarra dan, il-liġi titlob ukoll li kull sentenza tagħti r-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha u ssemmi wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

33. Illi l-ħtieġa ta’ motivazzjoni xierqa f’sentenza tqieset dejjem bħala element kostituttiv ewlieni biex jiddetermina s-siwi ta’ sentenza jew provvediment, għaliex dan mhux biss isejjes il-parti dispożittiva tagħha, imma jfisser lill-partijiet kif u għaliex il-Qorti tkun waslet għal dik id-deċiżjoni. Il-motivazzjoni f’sentenza ma titlobx li l-Qorti li tkun toqgħod

8 Art. 790 tal-Kap 12
9 App. Ċiv. **7.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia v. Manager Water Works Department*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.446**)
10 Artt. 23 u 219 tal-Kap 12

issemmi b'reqqa kull sottomissjoni jew kull prova li tkun tressqet quddiemha[11], iżda jkun biżżejjed li r-raġunament magħmul minn dik il-Qorti jwassal biex jorbtu ma' dak li jkun intalab u dak li jkun deċiż[12] u sakemm il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti fis-sentenza tagħha ma tkunx kontradittorja mal-kunsiderazzjonijiet li tkun għamlet[13];

34. Illi jekk minn qari ta' sentenza jkun jidher li l-Qorti tkun għamlet stħarriġ tal-kwestjonijiet rilevanti, imqar jekk tkun straħet ħafna fuq dak li jressqu quddiemha l-perizji tal-esperti ġudizzjarji maħtura jew fuq il-kunsiderazzjonijet li tkun għamlet f'sentenza oħra f'xi kawża marbuta magħha bla ma żżid xejn aktar jew mill-anqas, dan ma jwassalx biex is-sentenza mogħtija tkun milquta min-nullita`[14]. Minbarra dan, il-motivazzjoni mistennija ma għandhiex tkun tabilfors fis-sura ta' diskussjoni elaborata jew imtennija ta' kull punt li jitqajjem quddiem il-qorti: huwa biżżejjed li s-sentenza tagħti 'l min jaqraha r-raġuni għaliex il-qorti tkun qatgħet il-każ b'mod partikolari;

35. Illi fil-każ li din il-Qorti għandha quddiemha, joħroġ ċar li l-ewwel Qorti waslet għall-fehma tagħha dwar is-siwi tat-talbiet tal-appellanti wara li qieset in-natura ta' azzjoni li tressqet quddiemha, il-prinċipji tad-dritt li jirregolaw proċedura bħal dik, u t-tħaddim taċ-ċirkostanzi tal-fatt ma' dawk

11 App. Ċiv. **31.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Schembri v. Victor Portelli***
12 App. Inf. PS **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Charmaine Camilleri v. Eugenio Abdilla et***
13 App. Inf. PS **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Agricultural Co-Operative Ltd. v. Peter Axisa***
14 App. Ċiv. **18.7.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Romeo Żahra et v. John Żerafa et***

il-prinċipji. Kif ingħad qabel, l-ewwel Qorti setgħet tqis biss dak li kien fis-setgħat tagħha li tqis, u ħwejjeġ oħra li kienu jmorru lil hinn mis-setgħat tagħha lanqas biss kellha għalfejn issemmihom. Minn qari tas-sentenza appellata, ma jistax jingħad li din tonqos mill-element tal-għoti ta' raġunijiet li jfissru għaliex l-ewwel Qorti waslet għall-fehma li għaliha waslet. Din il-Qorti wkoll tasal għall-istess fehma. Fuq kollox, minkejja l-aggravju tal-appellanti, is-sura tas-sentenza appellata kienet tajba biżżejjed biex hija setgħet tressaq minnha aktar minn aggravju wieħed motivat, kif rajna aktar qabel;

36. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, lanqas dan l- aggravju ma jidher mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa';

37. Illi fl-**aħħar aggravju** l-appellanti tlum lill-ewwel Qorti talli naqset li tqis it-talbiet tagħha marbuta mat-tħassir tal-Ittra u s-siwi tagħha;

38. Illi l-appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li huwa ripetizzjoni ta' aggravju li tressaq qabel u wieħed fieragħ;

39. Illi l-Qorti diġa` tat il-fehmiet tagħha dwar din il-ħaġa hija u tqis l-ewwel aggravju[15] u, għall-istess raġunijiet li jissemmew hemmhekk, issib li dan l-aħħar aggravju wkoll ma huwiex tajjeb u mhix se tilqgħu;

[15] §§ 16 – 8 *supra*

***Deċide:***

40. Ghaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** tar-rikorrenti eżekutata bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata mogħtija fit-28 ta' Frar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanti eżekutata.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr